TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

Avviż Numru CCT 112/14-F

**Victoria Gatt**

**vs**

**Sullivan & Sullivan Travel Ltd.**

Illum 9 ta' Jannar, 2015

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fit-30 ta' Mejju, 2014 fejn ir-rikorrenti talbet danni ta' mitejn ewro (€200), rappreżentanti diversi nuqqasijiet li kien hemm fuq il-vjaġġ lejn Tunes.

Is-soċjeta' ntimata ppreżentat risposta bil-miktub għal din it-talba, u attendiet għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li hija l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda tas-soċjeta' ntimata li huma rappreżentanti tas-soċjeta' ntimata, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottomettiet bil-miktub illi hija kienet ħallset għall-vaganza lejn Tunes, fejn kien hemm ħafna nuqqasijiet fosthom il-kamra kienet ta' kwalita' inferjuri u ma kinux jitnaddfu, kien hemm riħa qawwija ta' żebgħa, ikel ma tantx kien hemm u lanqas kien hemm ikel adattat għat-tfal għax kien bil-felfel, kamra tal-banju kienet bil-banju imxaqqaq u mingħajr xugamani.

Is-soċjeta' ntimata ssottomettiet illi l-ikel kien tajjeb, u li kienet *in buona fede* meta rreklamat l-istess hotel bħala 4 star.

**It-Tribunal jinnota illi:**

It-Tribunal, wara li sema' lill-partijiet, jinnota illi verament kien hemm diversi nuqqasijiet prinċipalment il-kamra tal-banju.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti, u jordna lis-soċjeta' ntimata tħallas lir-rikorrenti s-somma ta' ħamsa u sebgħin ewro (€75), u bl-ispejjeż kontra l-istess soċjeta' ntimata.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 – MALTA
TELEPHONE: (+356) 21227070. FAX: (+356) 21239888